Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 22 ta' April 2025
(OR. en)

6036/25

Fajl Interistituzzjonali:
2025/0015(NLE)

LIMITE

POLCOM 25
WTO 10
SERVICES 9
DATAPROTECT 28
TELECOM 38

PUBLIC

**NOTA PUNT "I/A"**

| | |
|---|---|
| minn: | Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill |
| lil: | Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti (Parti 2)/Kunsill |
| Nru dok. Cion: | 6032/25 |
| Suġġett: | Deċiżjoni tal-Kunsill li tistabbilixxi l-pożizzjoni li għandha tiġi adottata f'isem l-Unjoni Ewropea fl-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ fir-rigward tal-inkorporazzjoni tal-Ftehim dwar il-Kummerċ Elettroniku fil-Ftehim li jistabbilixxi l-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ<br>- Adozzjoni |

1. L-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ (WTO) nediet negozjati għal Ftehim dwar il-Kummerċ Elettroniku f'Jannar 2019. Il-Kummissjoni wettqet in-negozjati f'isem l-UE f'konformità mal-awtorizzazzjoni u l-mandat tal-Kunsill tal-21 ta' Mejju 2019[1]. Il-Membri parteċipanti tad-WTO qablu dwar it-test tal-Ftehim dwar il-Kummerċ Elettroniku fis-26 ta' Lulju 2024.

2. Fis-6 ta' Frar 2025, il-Kummissjoni ppreżentat lill-Kunsill proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill li tistabbilixxi l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fl-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ dwar iż-żieda tal-Ftehim dwar il-Kummerċ Elettroniku fil-Ftehim li jistabbilixxi l-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ[2].

[1] ST 8993/19.
[2] ST 6032/25.

3. Il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data ġie kkonsultat f'konformità mal-Artikolu 42(1) tar-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u ta opinjoni fit-2 ta' April 2025[1].

4. Il-Kumitat tal-Politika Kummerċjali (Esperti - Servizzi u Investiment) iddiskuta l-abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kunsill fit-12 u s-26 ta' Frar 2025, u approvah fis-26 ta' Marzu 2025.

5. Fid-dawl ta' dan, u soġġett għall-konferma mill-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti, il-Kunsill huwa mistieden:

– jadotta d-Deċiżjoni tal-Kunsill li tistabbilixxi l-pożizzjoni li għandha tiġi adottata f'isem l-Unjoni Ewropea fl-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ fir-rigward tal-inkorporazzjoni tal-Ftehim dwar il-Kummerċ Elettroniku fil-Ftehim li jistabbilixxi l-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ, kif finalizzata mill-ġuristi lingwisti u kif tinsab fid-dokument 6035/25; u

– jieħu nota li l-Parlament Ewropew ser jiġi infurmat f'konformità mal-Artikolu 218(10) TFUE, u li d-Deċiżjoni tal-Kunsill ser tintbagħat lill-Parlament.

---

[1] ST 7780/25.



PUBLIC